

32004D0992

19.5.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 182/23

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 992/2004**tas-17 ta' Mejju 2004****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3068/92 li jimponi dazju ta' anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' klorur tal-potassju li joriġina fil-Belarus, fir-Russja jew fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea⁽¹⁾, ("ir-Regolament bażiku"), u partikolarment l-Artikoli 8, 11(3), 21 u 22 (ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Miżuri fis-seħħ**

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 969/2000⁽²⁾ il-Kunsill emenda u estenda l-miżuri mposti bir-Regolament (KE) Nru 3068/92⁽³⁾, dwar importazzjonijiet fil-Komunità ta' klorur tal-potassju ("il-prodott ikkonċernat") li joriġina fir-Repubblika tal-Belarus ("Belarus"), il-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") u l-Ukrajna.
- (2) Il-miżuri huma ammonti fissi ta' dazju, stabbiliti skond il-kategorija u l-grad ta' prodott, li jvarjaw minn EUR 19,51 għal kull tunnellata metrika għal EUR 48,19 għal kull tunnellata metrika fil-każ tal-Belarus, EUR 19,61 għal kull tunnellata metrika għal EUR 40,63 għal kull tunnellata metrika fil-każ tar-Russja u EUR 19,61 għal kull tunnellata metrika għal EUR 48,19 għal kull tunnellata metrika fil-każ ta' l-Ukrajna.

2. Investigazzjoni

- (3) Fl-20 ta' Marzu 2004 il-Kummissjoni ħabbret permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*⁽⁴⁾ l-bidu ta' revizzjoni interim parzjali tal-miżuri fis-seħħ ("il-miżuri") skond l-Artikoli 11(3) u 22(ċ) tar-Regolament bażiku.
- (4) Ir-reviżjoni nġhatat bidu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex jiġi eżaminat jekk, bħala konsegwenza tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ("it-tkabbir") u, b'kunsiderazzjoni ta' l-aspett ta' interess Komunitarju, hemmx il-bżonn li jiġu adattati l-miżuri sabiex jiġi evitat effett fdaqqa u eċċessivament negattiv fuq il-partijiet kollha nteressati inklużi utenti, distributuri u konsumaturi.

⁽¹⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12)

⁽²⁾ ĠU L 112, tal-11.5.2000, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 308, ta' l-24.10.92, p. 41. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolamenti 969/2000.

⁽⁴⁾ ĠU C 70, ta' l-20.3.2004, p. 15.

3. Il-partijiet milquta mill-investigazzjoni

- (5) Il-partijiet kollha nteressati magħrufa lill-Kummissjoni, inkluża l-industrija Komunitarja, assoċjazzjonijiet ta' produtture jew utenti fil-Komunità, esportaturi/produtture fil-pajjiżi konċernati, importaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi konċernati kif ukoll partijiet interessati fl-għaxar Stati Membri ġodda li nġhaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ("l-10 ta' l-UE") kienu avvżati bil-bidu ta' l-investigazzjoni u kienu mogħtija l-opportunità li jagħmlu magħrufa l-fehmiet tagħhom bil-kitba, li jippreżentaw informazzjoni u li jipprovdv provi ta' sostenn fil-limitu taż-żmien indikat fl-avviż tal-bidu. Il-partijiet interessati kollha li għamlu tali talba u li urew li kien hemm raġunijiet għala huma kellhom jingħataw widen kienu ġew mogħtija udjenza.

- (6) F'dan ir-rigward, il-partijiet interessati li ġejjin taw il-fehmiet tagħhom:

(a) Assoċjazzjoni ta' produtture Komunitarji:

l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtture tal-Potassa

(b) Produtture esportaturi:

Production Amalgamation Belaruskali, Soligorsk, il-Belarus

JSC Silvinit, Solikamsk, ir-Russja

JSC Uralkali, Berezniki, ir-Russja

(ċ) Esportatur:

IPC, Moskow, ir-Russja (relat ta' JSC Silvinit u Production Amalgamation Belaruskali).

B. IL-PRODOTT IKKUNSIDRAT

- (7) Il-prodott ikkonċernat hu klorur tal-potassju (potassa, KC1) u ġeneralment jiġi użat bħala fertilizzant agrikolu, direttament, imħallat ma' fertilizzanti oħra jew wara trasformazzjoni għal fertilizzant kumpless magħruf bħala NPK (nitroġenu, fosforu, potassju). Il-kontenut ta' potassju hu varjabbli u jiġi espress bħala perċentwali tal-piż tal-ossidu tal-potassju (K₂O) fuq il-prodott anidru niexef. Jiġi ukoll użat bħala materja prima fil-manifattura ta' ċeri prodotti industrijali u farmaċewtiċi.

(8) Il-potassa hija ġeneralment kummerċjalizzata jew f'forma standard/trab (potassa standard) jew f'forma oħra differenti minn standard li tinkludi imma mhix limitata għal forma granulari (potassa granulari). Il-prodott hu ġeneralment klassifikat fi tliet kategoriji bażiċi, ibbażati fuq il-kontenut ta' K_2O , jiġifieri:

— il-kontenut tal-potassju ma jeċċedix 40 % ta' K_2O — li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3104 20 10,

— il-kontenut tal-potassju li jeċċedi l-40 % ta' K_2O imma inqas minn jew daqs 62 % — li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3104 20 50,

— il-kontenut tal-potassju 'il fuq minn 62 % ta' K_2O — li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3104 20 90.

(9) Il-miżuri ta' *anti-dumping* fis-seħħ jispeċifikaw livelli differenti ta' dazji ta' *anti-dumping* għal potassa standard, min-naħa l-waħda, u għall-forom l-oħra ta' potassa, li jinkludu potassa granulari min-naħa l-oħra. F'dan ir-rigward għandu jkun imfakkar li fl-aħħar investigazzjoni-reviżjoni fis-sena 2000, kien instab li importazzjonijiet ta' ċerti taħlitiet speċjali jew imħallta b'kontenut ta' potassa għola minn normal, li ma jaqgħux taħt il-kodiċi NM indikati għall-potassa indikata hawn fuq, għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodott ikkonċernat. Din il-konklużjoni ntlaħqet għax tali taħlitiet għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u għandhom l-istess użu bħall-kategoriji bażiċi msemmija hawn fuq. La l-investigazzjoni preżenti ukoll ma rriżultat fl-ebda kunsiderazzjoni li l-approċċ meħud qabel m'għandux jtkompla, u għaldaqstant u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-miżuri ta' *anti-dumping*, kif ukoll biex tkun evitata klassifikazzjoni żbaljata, ġie kkunsidrat bħala neċessarju, f'dan ir-Regolament, li tiġi kkonfermata l-konklużjoni ta' l-investigazzjoni-reviżjoni ta' qabel li l-kontenut ta' K_2O ta' taħlit bħal dan jkun daqs jew iktar minn 35 %, sa kontenut ta' 62 % tal-piż, tal-prodott anidru niexef.

Ċ. RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Is-sottomissjonijiet ta' partijiet interessati fil-pajjiżi esportaturi

(10) Żewġ produtturi esportaturi Russi u produttur esportatur mill-Belarus, esportatur Russu u l-awtoritajiet Russi ddikjaraw li minħabba l-livell għoli ta' dazji ta' *anti-dumping* u bħala konsegwenza ta' l-estensjoni tal-miżuri lill-10 ta' l-UE, il-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom lejn l-10 ta' l-UE jkunu ddisturbati b'mod sinifikattiv.

(11) Huma ddikjaraw, partikolarment, li ż-żidiet kbar u f'daqqa waħda fil-prezz ipprovokati mid-dazji ta' *anti-dumping* fuq prezzijiet fissi għamlu l-prodott projbittivament għali għall-utenti finali agrikoli, industrijali u farmaċewtiċi fl-10 ta' l-UE.

(12) Għandu jiġi notat li l-ebda produttur esportatur/esportatur mill-Ukrajna, jew l-awtoritajiet Ukranjani ma deher.

2. Kummenti riċevuti mill-Industrija Komunitarja

(13) L-industrija Komunitarja ddikjarat li għalkemm il-prezzijiet medji fl-10 ta' l-UE kienu iktar minn 30 % aktar baxxi minn daww fl-Unjoni Ewropea kif kostitwita immedjatament qabel l-1 ta' Mejju 2004 ("il-15 ta' l-UE"), hija ma kienet se topponi l-ebda proposta għal miżuri intermedji li jittieħdu matul perjodu ta' transizzjoni li ma jolqtux ħażin is-sistemi ta' kummerċ tal-preżent fil-15 ta' l-UE.

3. Kummenti riċevuti minn Stati Membri

(14) L-awtoritajiet ta' ċerti Stati Membri ta' l-10 ta' l-EU li jinkludu r-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Litwanja u r-Repubblika Slovakkja kkunsidraw li arranġamenti transitorji speċjali għandhom japplikaw għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Belarus u mir-Russja wara t-Tkabbir.

(15) F'dan ir-rigward, kien sostnut li l-prodott ikkonċernat huwa ta' importanza strateġika għall-utenti agrikoli u industrijali fl-10 ta' l-UE għaliex ma jiġix prodott f'dawn il-pajjiżi u lanqas jista' jiġi faċilment sostitwit bi prodott ieħor. Kien sottomess ukoll li l-produtturi tal-prodott ikkonċernat fil-15 ta' l-UE ma jkollhomx il-kapaċità biex jissodisfaw id-domanda ta' l-utenti fl-10 ta' l-UE.

(16) Kien ukoll ikkunsidrat li żieda kbira u f'daqqa fil-prezzijiet tal-fertilizzant tal-potassa għall-bdiewa ta' l-10 ta' l-UE ma għandhiex titħalla, għaliex, f'dak il-każ, huma jiffaċċjaw iktar tbatija meta jkunu qegħdin jaddattaw ruħhom għall-kompetizzjoni l-ġdida mill-produtturi agrikoli fil-15 ta' l-UE. L-importanza ta' din il-kwistjoni kienet enfasizzata aktar bil-valur notevoli ta' l-esportazzjonijiet (madwar EUR 87 miljun kull sena) mill-Belarus u mir-Russja lejn l-10 ta' l-UE mqabbel ma' l-esportazzjonijiet lejn il-15 ta' l-UE ta' madwar EUR 45 miljun kull sena minn dawn il-pajjiżi.

(17) Kien għalhekk sostnut li l-provvista ta' importazzjonijiet fl-10 ta' l-UE tal-prodott ikkonċernat bi prezzijiet li ma joghluq f'daqqa u b'ħażna hija għaldaqstant ta' l-ikbar importanza għal dawn l-utenti finali fl-10 ta' l-UE.

(18) Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet huma tal-fehma li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-Belarus u fir-Russja fl-10 ta' l-UE għandhom jingħataw trattament speċjali fir-rigward ta' miżuri ta' *anti-dumping*.

4. Stima

(19) Abbażi tad-*data* u l-informazzjoni disponibbli, saret analiżi li kkonfermat li teżisti tabilħaqq differenza notevoli ta' madwar 32 % bejn il-prezzijiet attwali għall-istess gradi tal-prodott ikkonċernat fl-10 ta' l-UE u l-15 ta' l-UE (eż. grad *standard* ta' potassa fl-10 ta' l-UE fl-2003 kien madwar EUR 79 għal kull tunnellata metrika, meta l-istess grad fil-15 ta' l-UE fl-2003, kien madwar EUR 117 għal kull tunnellata metrika).

- (20) L-analiżi uriet ukoll li l-volumi ta' importazzjonijiet deħlin fl-10 ta' l-UE mill-Belarus u r-Russja kienu kunsiderevoli fl-2003 (madwar 1,1 miljun tonnellata metrika u għaldaqstant madwar 14 % tat-total smat ta' konsumazzjoni fl-10 ta' l-UE u fil-15 ta' l-UE flimkien).
- (21) Kien instab ukoll li ma hemm ebda produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-10 ta' l-UE u li attwalment m'hemmx biżżejjed kapaċità żejda fost il-produtturi fil-15 ta' l-UE biex jipprovdu għall-konsumaturi fl-10 ta' l-UE. Barra min hekk, minħabba n-natura tal-prodott, hu kkunsidrat li jkun diffiċli għal xerrejja fl-10 ta' l-UE biex jibdlu malajr mis-sorsi tradizzjonali ta' provvista tagħhom.

5. Konklużjoni

- (22) Dawn id-diversi aspetti u interessi kollha ġew meqjusa u kkunsidrati bħala waħda. Joħroġ minn dan li l-interessi ta' l-importaturi u l-utenti fl-10 ta' l-UE ikunu milquta ħażin sostanzjalment bl-applikazzjoni f'daqqa tal-miżuri eżistenti jekk dawn ma jiġux adattati temporanjament.
- (23) Madankollu, b'kuntrastr, kif kien ikkonfermat mill-industrija Komunitarja, l-interessi tagħha ma jiġux milquta eċċessivament ħażin jekk il-miżuri kellhom ikunu adattati temporanjament billi bis-sistemi ta' kummerċ fil-15 ta' l-UE eżistenti fil-preżent ma tistax tissodisfa id-domanda tal-klijenti fl-10 ta' l-UE għal kollox.
- (24) F'tali ċirkostanzi, wieħed jista' raġonevolment jikkonkludi fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tat-tkabbir, li mhuwiex fl-interess tal-Komunità li l-miżuri eżistenti jiġu applikati mingħajr adattament temporanju. Madankollu, dan l-adattament għar-rigward ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-10 ta' l-UE ma għandux ikun tali li tmur kunsiderevolment kontra l-livell mixtieq tal-protezzjoni tal-kummerċ.
- (25) Għal dan l-iskop, modi differenti kienu eżaminati kif l-aħjar tiġi protetta l-industrija Komunitarja minn *dumping* dannuż waqt li, fl-istess ħin, jiġi meħud kont ta' l-aspetti ta' interess Komunitarju billi jitnaqqas l-impatt ekonomiku tad-dazji ta' *anti-dumping* fuq ix-xerrejja tradizzjonali fl-Istati Membri ġodda matul il-perjodu ta' aġġustament ekonomiku wara t-tkabbir.
- (26) Kien ikkunsidrat li dan jista' jinkiseb l-aħjar jekk il-volumi tradizzjonali ta' l-esportazzjoni mill-Belarus u r-Russja lejn l-10 ta' l-UE jitħallew jidħlu liberi mid-dazji ta' *anti-dumping* għal perjodu transitorju, bil-kondizzjoni

li, flok li jiġu mposti dazji ta' *anti-dumping*, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn dawn l-Istati Membri jiżdiedu, permezz ta' prezzijiet minimi ta' importazzjoni ("MIP"), sa livelli li jikkontribwixxu konsiderevolment għall-eliminazzjoni tad-dannu. F'dan il-kuntest, kwalunkwe esportazzjoni lejn l-10 ta' l-UE 'il fuq minn dawn il-volumi tradizzjonali ta' l-esportazzjoni tiġi soġġetta għad-dazji ta' *anti-dumping* normali, kif ikunu wkoll esportazzjonijiet lejn il-15 ta' l-UE.

6. Impenji

- (27) Wara li saret stima tal-metodi differenti kif l-aħjar jitħallew ikomplu dawn il-flussi tradizzjonali ta' esportazzjonijiet lejn l-10 ta' l-UE, u jiġi żgurat il-kontribut sinifikanti għall-eliminazzjoni ta' dannu, kien ikkunsidrat li l-mezz l-aktar xieraq ikun li jiġu aċċettati impenji volontarji mill-partijiet kollaboranti b'elementi għal prezzijiet minimi ta' importazzjoni u limiti massimi kwantitattivi. Għaldaqstant, skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku, impenji jistgħu jiġu suġġeriti mill-Kummissjoni lill-produtturi esportaturi kkonċernati.
- (28) F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li, skond l-Artikolu 22(ċ) tar-Regolament bażiku, iċ-ċirkostanzi speċjali tat-tkabbir jistgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni meta l-kondizzjonijiet ta' l-impenji jiġu stabbiliti. Huma ser jikkostitwixxu miżura speċjali billi jipprovdu mod temporanju ta' adattament tal-miżuri eżistenti għall-25 ta' l-UE.
- (29) Ta' min jinnota wkoll li l-impenji mhumiex ser ikunu direttament ekwivalenti għal dazju ta' *anti-dumping* billi l-prezzijiet minimi ta' importazzjoni stabbiliti jistgħu jkun f'livelli aktar baxxi milli s-soltu jkun il-każ. Kif innutat hawn fuq, jekk wieħed jimxi b'mod ieħor ikun qiegħed jagħmel il-prezz tal-prodott ikkonċernat projbitivament għali għall-utenti finali fl-10 ta' l-UE u, għalhekk, dan ma jkunx fl-interess Komunitarju. Madankollu, il-produtturi esportaturi għandhom jimpenjaw ruħhom li jgħollu l-prezzijiet tagħhom għal livelli li jikkontribwixxu kunsiderevolment għall-eliminazzjoni tad-dannu.
- (30) Volumi ta' importazzjonijiet ("limiti massimi") ġew għalhekk stabbiliti għall-produtturi esportaturi fil-Belarus u r-Russja, bl-użu bħala bażi tal-volumi tradizzjonali ta' l-esportazzjoni tagħhom lejn l-10 ta' l-UE fl-2001, 2002 u 2003. Ta' min jinnota, madankollu, li żidiet anormali fil-volumi ta' l-esportazzjoni lejn l-10 ta' l-UE osservati fl-aħħar xhur ta' l-2003 u l-ewwel xhur ta' l-2004 għandhom jiġu mnaqqsqa mil-volumi tradizzjonali użati fid-determinazzjoni tal-limiti massimi.

- (31) Meta jbiegħu fl-10 ta' l-UE taħt il-kondizzjonijiet ta' l-impenji tagħhom, il-produtturi esportaturi kkonċernati għandhom jaqblu b'ġenerali li jirrispettaw is-sistemi tradizzjonali ta' bejgħ lill-klijenti individwali fl-10 ta' l-UE. Il-produtturi esportaturi għandhom għalhekk ikunu jafu li kwalunkwe offerta ta' impenn tista' tkun ikkunsidrata prattikabbli, u għalhekk aċċettabbli, biss jekk, għall-bejgħ kopert mill-impenji, huma jibqgħu jżommu ġeneralment tali sistemi tradizzjonali ta' kummerċ mal-klijenti tagħhom fl-10 ta' l-UE EU10.
- (32) Il-produtturi esportaturi għandhom ukoll ikunu jafu li, taħt il-kondizzjonijiet ta' l-impenji, jekk jinstab li dawn is-sistemi ta' bejgħ jinbidlu notevolment, jew il-kontroll ta' dawn l-impenji isir b'xi mod diffiċli jew impossibbli, il-Kummissjoni għandha d-dritt li ma taċċettax iżjed l-impenn tal-kumpannija u b'hekk jiġu mposti floku dazji ta' *anti-dumping* definittivi fil-livell speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 3068/92 jew hija tista' taġġusta l-livell tal-limitu massimu, jew tista' tgħaddi għal azzjoni korrettiva oħra.
- (33) Għaldaqstant, kwalunkwe offerta ta' impenn li tirrispetta l-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq tista' tiġi aċċettata mill-Kummissjoni permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

D. EMENDA TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 3068/92

- (34) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa meħtieġ li wieħed jaħseb, fil-każ li l-Kummissjoni taċċetta impenji permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni sussegwenti, biex ikun possibbli li importazzjonijiet lejn il-Komunità magħmula taħt il-kondizzjonijiet ta' tali impenji jiġu eżentati mid-dazju ta' *anti-dumping* impost mir-Regolament (KE) Nru 3068/92 billi jiġi emendat dak ir-Regolament,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-17 ta' Mejju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KEE) Nru 3068/92, l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

“Artikolu 1a

1. Importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera għandhom ikunu eżentati mid-dazji ta' *anti-dumping* imposti mill-Artikolu 1, bil-kondizzjoni li dawn huma prodotti minn kumpanniji li l-impenji tagħhom huma aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom huma elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni pertinenti, kif emendat minn żmien għal żmien, u li ġew importati konformement mad-disposizzjonijiet ta' l-istess Regolament tal-Kummissjoni.

2. L-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu eżentati mid-dazju ta' *anti-dumping* bil-kondizzjoni li:

- (a) il-merkanzija ddikjarata u ppreżentata lid-dwana tikkorrespondi preċiżament mal-prodott deskritt fl-Artikolu 1;
- (b) fattura kummerċjali li tikkontjeni mill-inqas l-elementi elenkati fl-Anness tiġi preżentata lill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri mal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera; u
- (ċ) il-merkanzija ddikjarata u ppreżentata lid-dwana tikkorrespondi preċiżament mad-deskrizzjoni fil-fattura kummerċjali.”

Artikolu 2

It-test stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament għandu jiżdied mar-Regolament (KE) Nru 3068/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

ANNEX

"ANNEX

L-elementi li ġejjin għandhom jiġu ndikati fuq il-fattura kummerċjali pprovduta mal-bejgħ mill-kumpannija ta' klorur tal-potassju lill-Komunità li jkun soġġett għal kwalunkwe Impenn:

1. It-titolu 'FATTURA KUMMERĊJALI PPROVDUTA MA' MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL IMPENN'.
 2. L-isem tal-kumpannija msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni [DAĦĦAL IN-NUMRU] li ħarġet il-fattura kummerċjali.
 3. In-numru tal-fattura kummerċjali.
 4. Id-data meta ġiet maħruġa l-fattura kummerċjali.
 5. Il-kodiċi addizzjonali TARIC li taħtu l-merkanzija fuq il-fattura għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fil-fruntiera Komunitarja.
 6. Id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, inklużi:
 - In-Numru tal-Kodiċi tal-Prodott (PCN) użat għall-iskopijiet ta' l-investigazzjoni u l-impenn (p.e. PCN 1, PCN 2, eċċ),
 - deskrizzjoni f'lingwaġġ ċar tal-merkanzija li tikkorrespondi għall-PCN ikkonċernat,
 - in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpannija (CPC) (jekk applikabbli),
 - kodiċi NM,
 - kwantità (indikata f'tunnellati metriċ).
 7. Id-deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-bejgħ, inklużi:
 - il-prezz għal kull tunnellata metriċa,
 - il-kondizzjonijiet ta' ħlas applikabbli,
 - il-kondizzjonijiet applikabbli tal-ġarr tal-kunsinna,
 - l-iskonti u r-rimborsi totali.
 8. L-isem tal-kumpannija li topera bħala importatur fil-Komunità li lilha ġiet maħruġa direttament mill-kumpannija l-fattura kummerċjali pprovduta mal-merkanzija soġġett għal impenn.
 9. L-isem ta' l-uffiċjal tal-kumpannija li ħarġet il-fattura u d-dikjarazzjoni li ġejja, iffirmata:

'Jiena, hawn taħt iffirmit/a, niċċertifika li l-bejgħ għal esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-merkanzija koperta b'din il-fattura qiegħed isir fl-ambitu u taħt il-kondizzjonijiet ta' l-impenn offrut minn [kumpannija], u aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-Regolament [DAĦĦAL IN-NUMRU]. Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija kompleta u korretta.'"
-